



# Marjanu Gerada

*Kitba ta' Mark Mercieca*



Marjanu Gerada twieled Ħal Tarxien fis-7 ta' Mejju 1766 u ġie mgħammed fl-istess jum ta' twelidu, mill-Vigarju Dun Salvatore Cachia. Il-ġenituri ta' Marjanu kienu Antonio u Teresa (nee) Mifsud li kienu żżewġu fil-knisja Parrokkjlai ta' Ħal Tarxien fil-5 ta' Lulju 1760. Gerada kellu tliet ħutu subien, Ġużeppi li kien il-kbir, u Giovanni u Salvatore, li kienu iżgħar minnu.

Meta Marjanu kellu 13-il sena tilef lil ommu, u missieru reġa' żżewweġ lil Victoria Balzan, fil-Parroċċa ta' Ħal Tarxien fi 22 ta' Lulju 1785. L-iskultur Gerada ma kienx ta' xi skola kbira, iżda kien jinqeda jikteb u jaqra bil-lingwa Taljana, però Marjanu minn dejjem kien juri interess u ġibda lejn l-iskultura, skond dokumenti tal-kanonku Fortunato Panravecchia, kif ukoll mill-istoriku popolari Pietro Pawl Castagna.

Marjanu tgħallem l-iskultura fi Spanja. Gerada għex u ħadem ta' skultur



ġewwa Bormla, jista' jagħti każ li Marjanu għażel Bormla għax kien aktar faċli għalih, li jitkellem b'lingwa Taljana, peress li Bormla, kienet diġa Belt. Tajjeb ngħidu li Marjanu baqa' ġuvni.

Bħala skultur, għamel użu minn żewġ medji differenti, dik tal-iskultura fil-ġebla Maltija, kif ukoll fl-injam. Imma, baqa' l-aktar imsemmi għall-vari tal-injam li għamel. Gerada, baqa' magħruf li rawwem, madwaru tliet alljevi.

Maż-żmien saru protagonista tal-vari tax-xena skulturali f'pajjiżna. Dawn l-alljevi kienu Salvatore Psaila, li kien mill-istess belt ta' Bormla, fejn baqa' magħruf, għall-istil barokk tiegħu.

Alliev ieħor li tgħallem taħt Marjanu Gerada kien Pietru Pawl Azzopardi, li kellu l-aħjar rapport miegħu. Azzopardi, baqa' magħruf għall-ewwel vara titulari li għamel ġo Għawdex, dik ta' San Ġorġ Martri fir-Rabat, fl-1839. It-tielet alliev kien Xandru Farrugia, li naqqax il-vara titulari, tar-raħal tagħna, ta' M. Annunzjata fl-1829.



Fost ix-xogħlijiet ewlenin tiegħu nsibu, il-Madonna tal-Grazzja f'Ħaż-Żabbar, li saret fl-1797. Għalhekk x'aktarx li din il-vara hi l-ewwel xogħol ta' Marjanu Gerada, fl-injam.

Insibu wkoll l-istatwa li nħadmet fil-ġebla Maltija li hi replika tal-istatwa li hemm fil-knisja, li tinsab fi Triq Santwarju. Ħadem ukoll l-istatwa titulari ta' St. Marija ta' Ħal Għaxaq li saret fis-sena 1808, li nistgħu ngħidu hija waħda mill-isbaħ xogħlijiet tiegħu.


# TA' PATRIARKA

CARPENTERS & WOODWORK



***Prop. Anthony Galea***

***15, Triq Lanzon, Tarxien***
***Tel: 2180 5205***
***Mob: 9940 2110***

***Jixtieq lit-Tarxiniżi kollha l-Festa t-Tajba***



Din tħallset mis-Sinjura Marija Farrugia u swiet 800 skud. Il-Madonna tidher b'ħarsitha lejn is-sema, qisha mtajra fuq is-sħab, ħierġa minn ġol-qabar, b'anġlu ċkejken ma' ġenb riġlejha.



Kien fi żmien il-Kappillan Dun Gaetano Buttigieg u l-prokuratur tal-knisja Dun Baskal Bonnici li sar il-kuntratt naturali tas-26 ta' Ġunju 1803 quddiem in-nutar Pietro Pawlu Farrugia, fejn Gerada ġie mqabbad biex jaħdem l-istatwa titulari ta' Sta. Katarina Żurrieq, li ġiet tiswa s-somma ta' 696 skud, u żewġ irbgħajja.

Sta. Katarina hi magħmula mill-parti ta' fuq tagħha, li hija skolpita biċċa waħda fl-injam tal-arżnu, iżda mill-qadd 'l isfel huwa maħdum serratizzi tal-arżnu nkullati fil-post. Din il-vara iżżanżnet għall-purċissjoni tal-24 ta' Novembru 1818. Fiż-Żurrieq insibu wkoll l-istatwa ta' San Ġużepp, fejn id-dokumenti juru b'mod ċar li saret fi 30 ta' Ġunju 1822. Xogħlijiet oħra li nsibu fil-Knejjes tagħna huma San Mikiel u l-magħmudija ta' Ġesù, li nsibuhom fil-kolleġġjata ta' Bormla. Insibu wkoll il-Kunċizzjoni li tinsab fis-sagristija tal-Bażilika tal-Isla.



Marjanu kien għadu f'siktu u mehdi fix-xogħol tal-iskultura, imma f'daqqa waħda meta nħakem minn marda qerrieda.

Marjanu miet fl-24 ta' Jannar 1823, u ġie midfun fil-Knisja Parrokkjali ta' Bormla. Nistgħu ngħidu li Marjanu għandu post importanti fl-iskultura ta' gżiritna.